MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 42/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jonathan Felice**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jonathan Felice talli :

(1) fil-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' April 2005, fil-Hamrun, ikkommetta serq ta' apparat ta' hi-fi minn vettura tat-tip Fiat Punto, bin-numru tar-registrazzjoni CBI-187 ghad-dannu ta' Alexander Falzon, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa;

(2) fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew/u gharraq hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobbli, u cioe` ghamel hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBI-187, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin;

(3) fil-lejl ta' bejn it-18 u d-19 ta' Mejju 2005, fil-Hamrun, ikkommetta serq ta' apparat ta' hi-fi minn vettura tat-tip Vauxhall Nova bin-numru tar-registrazzjoni BBO-259 ghad-dannu ta' Mark Anthony Azzopardi, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa;

(4) fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` ghamel hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBO259, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin;

(5) fil-lejl ta' bejn it-18 u d-19 ta' Mejju 2005, fil-Hamrun, ikkommetta serq ta' apparat ta' hi-fi minn vettura tat-tip Hyundai S Coupe bin-numru tar-registrazzjoni FBB108 ghad-dannu ta' Clint Caruana, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa;

(6) fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` ghamel hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBB-108 liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin;

(7) kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta datata 8 ta' Lulju 2004, fejn gie moghti l-liberta' bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Jannar 2010, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Jonathan Felice hati tat-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjoniiet u minnhom illiberatu, izda sabitu hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u, wara li rat l-artikoli 261, 263, 270, 278, 279, 280, 20 u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

ikkundannatu sena prigunerija. Kwantu ghas-seba' imputazzjoni dik il-Qorti qalet illi kienet qed "izzomm ferm dik il-kundizzjoni taht il-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett" mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Jonathan Felice pprezentat fil-11 ta' Frar 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant gie lliberat u thassarha u tirrevokaha kwantu ghall-ewwel, it-tieni u s-seba' imputazzjonijiet biex b'hekk tilliberah minn kull htija.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:
L-aggravju ta' l-appellant hu fis-sens illi l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet. Jghid illi ghalkemm fir-relazzjoni ta' l-espert ta' l-impronti tas-swaba' jinghad illi nstabet impronta ta' l-appellant go kaxxa fil-vettura Fiat Punto CBI-187, minn imkien ma jirrizulta illi din il-kaxxa nsterqet minn gol-karozza msemmija.

Issa, kuntrarjament ghal dak li qieghed jinghad mill-appellant, fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet illi l-impronta nstabet gewwa l-vettura in kwistjoni. Din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami akkurat tal-provi kollha li ngabu quddiem l-ewwel Qorti li jirrigwardaw specifikatament il-vettura CBI-187.

Minn dawn il-provi jirrizulta illi fit-22 ta' April 2005 Alexander Falzon irrapporta lill-Pulizija li kien sab il-bieba tal-passiggier tal-karozza msemmija sgassata u nsterqu minnha l-istereo, l-ispeakers u l-board fejn jitwahhlu l-ispeakers. L-ispiza ghat-tiswija giet stmata Lm153.40 (a fol. 51) u l-valur ta' l-oggetti misruqa Lm4854 (a fol. 52). P.C. 1238 Clive Brimmer ezamina l-karozza fil-kwartieri generali tal-Pulizija fl-istess jum. Mir-rapport ta' P.C. Brimmer jirrizulta li huwa eleva s-segwenti impronti:

"05BJX301 Impronti digitali elevati minn fuq kaxxa tal-plastik ta' CD li kienet fuq is-seat tal-passiggier ta' quddiem tal-vettura Fiat Punto CBI-187.
"05BJX302 Impronti digitali elevati minn fuq kaxxa tal-plastik ta' CD li kienet fuq is-seat tal-passiggier ta' quddiem tal-vettura Fiat Punto CBI-187.
"05BJX303 Impronti digitali elevati minn fuq kaxxa tal-plastik ta' CD li kienet fuq is-seat tal-passiggier ta' quddiem tal-vettura Fiat Punto CBI-187."

Fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2006, fuq talba tal-prosekuzzjoni, inhatar Joseph Mallia bhala espert ta' l-impronti tas-swaba' sabiex jipparaguna l-impronti elevati min P.C. Brimmer ma' dawk ta' l-appellant (allura imputat). Mir-rapport ta' Joseph Mallia (Dok. JM a fol. 57) ipprezentat fis-26 ta' Jannar 2007, jirrizulta s-segwenti:

"a. Illi l-impronti li jidhru fuq il-*lifter* document 05BJX301 gew ikkomparati u ghalhekk huma identici u gew maghmula mill-marki tas-swaba' l-werrej u s-saba' tan-nofs ta' l-id ix-xellugija ta' Jonathan Felice li joqghod Block numru 2, Flat numru 13, Triq id-Deheb Fin, Hal-Qormi, numru tal-karta ta' l-identita` 389288(M)."

L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija ghax id-derubat Alexander Falzon qatt ma ghamel referenza ghal xi kaxxa li suppost insterqitlu u lanqas fir-rapport tal-Pulizija ma jissemma li giet rapportata xi kaxxa nieqsa, kif lanqas ma qal li kienet tieghu.

Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet ta' l-appellant. Alexander Falzon ma kellux ghalfejn jirrapporta li nsterqitlu xi kaxxa tas-CDs proprju ghaliex ma nsterqitlux. Difatti mir-rapport ta' P.C. Brimmer jirrizulta li l-impronti in kwistjoni gew elevati minn fuq kaxxa tal-plastik ta' CD "li kienet fuq is-seat tal-passiggier ta' quddiem tal-vettura Fiat Punto CBI-187". Jigifieri l-kaxxa kienet gewwa l-vettura u galadarba kienet gewwa l-vettura u fuqha nstabu l-impronti ta' l-appellant, l-uniku mod kif tali impronti setghu sabu ruhhom fuq dik il-kaxxa huwa billi l-appellant ottjena access ghal gewwa l-karozza. Imbaghad, anke jekk stess il-kaxxa tas-CD ma kinitx ta' Alexander Falzon,

jibqa' l-fatt li l-kaxxa kienet gewwa l-vettura u fuqha kien hemm l-impronti ta' l-appellant. L-appellant ma offra l-ebda spjegazzjoni ta' kif kaxxa tas-CD bl-impronti tieghu spiccat fuq is-seat tal-passiggier tal-karozza li minnha nsterqu l-oggetti elenkati fid-dokument a fol. 52.

Jigi osservat wkoll illi waqt it-trattazzjoni, id-difensur ta' l-appellant, qal li l-ewwel darba li semghu bil-kaxxa kien "meta nghatat lill-espert li eleva l-lifters". Dan mhuwiex korrett. Fil-fatt ma jirrizultax li l-kaxxa nghatat lil P.C. Brimmer izda li hu sab il-kaxxa fuq is-seat tal-passiggier quddiem meta ghamel tfittxijiet ghall-impronti tas-swaba'. Dan jirrizulta kemm mix-xiehda tieghu kif ukoll mir-rapport tieghu.

Ghalhekk l-aggravju ta' l-appellant ma jistax jigi milqugh.

Kwantu ghall-piena, jirrizulta illi l-appellant kellu biss sittax-il sena meta kkommeta r-reati in kwistjoni. Jidher illi dan sfugga lill-ewwel Qorti li mkien ma ghamlet referenza ghall-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li **"[j]ekk il-hati jkun ghalaq l-erbatax-il sena izda ma jkollux tmintax-il sena, il-piena applikabbli ghar-reat ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn."** L-appellant gie kkundannat sena prigunerija mill-ewwel Qorti. Il-piena applikabbli f'dan il-kaz hija ta' prigunerija minn hames xhur sa tliet snin mizjuda bi grad ghal perijodu minn seba' xhur sa erba' snin u li ma tinghatax fil-*minimum*. Jigifieri lanqas piena possibbli hi ta' tlettax-il xahar u ghoxrin gurnata. Stante, kif inghad, l-applikabilita` ta' l-artikolu 37 tal-Kap. 9, u wara li din il-Qorti qieset ukoll illi anke wara dan il-kaz l-appellant kompla b'hajja refrattarja, sejra tnaqqas il-piena bi grad.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal priguenrija ghal perijodu ta' sena u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' disa' xhur, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------